MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Kongunt Numru. 46/2014

AB

**u**

**CB**

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi huma zzewgu f'Malta fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg numru elfejn mitejn wiehed u sittin zbarra elf disgha mija disgha u disghin (2261/1999) – **Dok A**;
2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom huma ma kellhomx tfal;

3. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dottor Anthony Abela fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalhekk ghaddew izjed minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;
4. Illi l-partijiet jiddikjaraw illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi l-partijiet jiddikjaraw ukoll illi ai termini tal-kuntratt imsemmi huma m'humiex marbuta jhallsu jew jaghtu manteniment lil xulxin stante li rrinunzjaw ghad-dritt li jircievu u l-obbligu li jaghtu l-manteniment lil xulxin b'mod irrevokabbli;
6. Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata d-divorzju;
7. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-29 ta' Dicembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------